MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2012

Mandat Numru. 768/2012/1

**Francis u Bernardette Galea;**
**Edmond u Vanessa Formosa;**
**Donovan John Scerri u Marvic;**
**Christian u Sarah Balzan**

**-vs-**

**Sandro u Angie Zahra**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Francis Galea, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab lil din il-Qorti tinibixxi u twaqqaf lill-intimati milli jkomplu bl-izvilupp ghar-ragunijiet moghtija kif ukoll illi tordna lill-intimati illi jergghu jirripristinaw il-bejt u l-arja in kwistjoni ghall-istat originali

taghhom, u cioe' ghall-istat li kien qabel ma beda l-imsemmi zvilupp, ghas-spejjez ta' l-istess intimati, bl-ispejjez ta' dan il-mandat kontra l-istess intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha ta' l-4 ta' Gunju 2012.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Sandro u Angie konjugi Zahra.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Arkitett nominat fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012 sabiex jirrelata dwar it-talba.

Rat ir-relazzjoni ulterjuri tal-fuq imsemmi perit tekniku, minnu konfermata bil-gurament.

Ikkunsidrat illi fl-ambitu ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskrutinju tal-Qorti huwa essenzjalment limitat ghal wiehed prima facie, u cioe' ghal dak li jirrizulta mad-daqqa t'ghajn.

Fil-kaz in ezami, il-perit tekniku nkarigat minn din il-Qorti jikkonkludi hekk:

"*Illi f'dan l-istadju, u meta l-esponent ha in konsiderazzjoni z-zewg rapporti pprezentati miz-zewg Periti tal-partijiet,* ***il-Perit Tekniku huwa tal-fehma illi Prima Facie, dan l-izvilupp addizjonali jista' jikkaguna hsarat lill-proprjetajiet sottostanti,*** *u dan meta jigu kkunsidrat ukoll illi hemm il-kwistjoni ukoll tad-djufija tal-pedamenti illi qabel fl-istadju ta' l-ewwel rapport, ma kinitx qamet.*"

Fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rekwiziti imposti mil-ligi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huma sodisfatti.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba definittivament fis-sens biss illi twaqqaf lill-intimati milli jkomplu bl-izvilupp minnhom mibdi. It-talbiet l-ohra jibqghu impregudikati.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jithallsu mill-intimati Zahra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------